MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 18/2005

**Gozo Village Holidays Limited**

**vs**

**Victor u Giacinta konjugi Hili**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi s-socjeta’ attrici topera restaurant fi Triq Ghajn Damma, Xaghra, Ghawdex.

Illi hija tikri dan ir-restorant u tipprovdi servizz ta’ catering fih fl-okkazzjonijiet ta’ tigijiet.

Illi l-konvenuti organizzaw it-tieg ta’ binthom Priscilla fl-istess lokal u ghadu dovut il-hlas ta’ bilanc ta’ elf u hamsa

u ghoxrin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm1025.31) ghas-servizzi moghtija mill-attrici f'dan it-tieg.

Illi ghalkemm interpellati diversi drabi u minkejja diversi promessi ta' hlas, il-konvenuti baqghu ma hallsux il-bilanc imsemmi.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici qed titlob bil-qima li l-konvenuti jkunu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici l-ammont msemmi flimkien ma' l-imghax b'effett mill-11 ta' Ottubru 2003 sad-data tal-hlas relattiv, kif ukoll l-ispejjes ta' dawn il-proceduri."

Ra r-risposta li tghid hekk:

"Illi l-ammont pretis mis-socjeta' attrici mhuwiex dovut stante li kien gie saldt ma' somma li kienet dovuta mill-attur lil Victor Hili ghal merci li l-istess Victor Hili kien biegh u kkonsenja lill-atturi (statement anness u markat "A")

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Ra l-verbal tal-25 t'Ottubru 2005 imnejn jirrizulta li l-bilanc ta' LM75 li kien fadal jithallas mis-socjeta' konvenuta thallas fil-mori tal-kawza u di piu' thallsu LM20 ghall-ispejjez tal-kawza

Ikkunsidra

Illi s-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' LM1025.31 filwaqt li ghal din it-talba s-socjeta' konvenuta opponiet billi eccepiet li l-ammont pretiz kien, bi ftehim bejn il-partijiet, gie fil-parti l-kbira tieghu pacut ma' prodotti kkunsinnati lis-socjeta' attrici mill-konvenuti.  Proprjament il-prodotti gew ikkunsinnati mhux mill-konvenuti imma is-socjeta' kummercjali Victori Hili & Sons Ltd, li taghha l-konvenut huwa socju ewlieni.  B'danakollu ghalkemm it-tpacija allura ma setghetx issehh ipso iure, setghet issehh bi ftehim kif fil-fatt jidher li gara.

Fil-mori tal-kawza, u precizament fis-seduta  tat-13 t'Ottubru 2005 l-avukat tas-socjeta' attrici  rriduciet l-

ammont mitlub ghas-somma ta' LM85. Skond verbal sussegwenti tal-avukat tas-socjeta' konvenuta, il-bilanc kien ta' LM75 li mbaghad thallas kif fuq spjegat.

Il-konvenuti ma ressqu l-ebda prova tal-ftehim tat-tpacija, bazi tal-eccezzjoni taghhom, u, kif inhu ben saput, min jallega jrid jipprova. Izda min-naha l-ohra r-riduzzjoni tal-parti l-kbira tal-ammont pretiz originarjament mis-socjeta' attrici huwa ammissjoni implicita' li tabilhaqq kien hemm tali ftehim ta' tpacija.

Billi jirrizulta li l-ammont mitlub kien fil-parti l-kbira tieghu mhux dovut, il-parti l-kbira tal-ispejjez ta' din il-kawza suppost ikunu a kariku tas-socjeta' attrici li tablet ammont esagerat inutilment. Izda b'verbal li ghamel l-avukat tal-konvenuti, jirrizulta li huwa hallas ukoll parti (mhux car jekk humiex LM10 jew LM20) mill-ispejjez tas-socjeta' attrici u ppropona li l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-kawza in kwantu taffettwa s-sorte billi l-mertu gie esawrit; filwaqt illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------